MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 559/2005

## IL-PROKURATUR LEGALI MADELEINE FIRMAN F’ISEM U GHAN-NOM TAS-SOCJETA’ ESTERA NOENATAL S.R.L.

## VS

## CARE IMPORT-EXPORT LIMITED (C-34129)

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attrici ippremettiet:

Peress li s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lilll-attrici *nomine* s-somma komplessiva ta’ sbatax il elf disa’ mija seba’ u disghin euros punt erba’ (E17,997.04) ekwivalenti ghal *circa* seba’ t’elef u erba’ mitt lira maltin (Lm7,400) dovuti mis-socjeta’ konvenuta lill-attrici nomine in kwantu

ghall-ammont ta' tlettax il elf tmien mija tmienja u tmenin Euros punt erbghin (E13,888.40) bhala prezz ta' diversi merci *(female hygene products*) kif jirrizulta mill-fattura numru 08/05 datata hamsa (5) ta' April, 2005 hawn anness u markat bhala Dokument A, u in kwantu ghall-ammont ta' erbat elef mija u disa' Euros (E4,109) dovuta lill-attrici *nomine* stante li dan l-ammont thallas mill-attrici *nomine* fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta lis-socjeta *Rewico Logistics Srl* in konnessjoni mal-garr ta' merci gas-saldu tal-fattura datata 6 ta' April, 2005 kopja hawn annessa u markata bhala Dokument B u C;

U peress li s-socjeta' konvenuta giet interpellata mis-socjeta' attrici diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju 2005 debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta (kopja hawn annessa u markata Dokument D), sabiex thallas l-ammont dovut, ghalkemm ammettiet is-somma dovuta (vide Dokument E,) xorta baqghat inadempjenti;

U peress li fil-fehma ta' l-attrici *nomine*, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta' hlas tal-attrici *nomine;*

U peress li, ghalhekk dan jaghti d-dritt lill-attrici *nomine* tipprocedi kontra s-socjeta' konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tall-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qeghdha taghmel;

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u.

*2.* Tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici *nomine* s-somma ekwivalenti fi flus maltin fid-data tas-sentenza ghal sbatax il elf disa' mija seba' u disghin euros punt erba'

(E17,997.04) dovuta mis-socjeta' konvenuta lill-attrici *nomine.*

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol.3 tal-process.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata li-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-avukat tal-attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni ghall-ammont ta' sbatax il elf disa' mija seba' u disghin euros punt erba' (E17,997.04) ekwivalenti fi flus Maltin ghal ammont ta' sebat elef seba' mija sitta u ghoxrin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm7,726.12) fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------